22 ta' Diċembru, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Paolo Borg *versus* Neg. Francis Grech et.

**Danni — Kolpa — Riżerva fiċ-Ċitazzjoni — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Suspensjoni — Sentenza — Art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għal danni derivanti minn fatt illeċitu, jew ħtija akwiljana, hija dik ta' sentejn; għall-każ mhix applikabili l-preskrizzjoni ta' ħames snin li hija applikabili fil-każ ta' danni derivanti minn kuntratt jew kważi-kuntratt.*

*Ir-riżerva li ssir fiċ-ċitazzjoni hija biżżejjed biex tinterrompi l-pres-*

*krizzjoni; imma bin-notifika taċ-ċitazzjoni tibda tgħaddi mill-ġdid il-preskrizzjoni, u dik ir-riżerva ma tibqax veljanti sakemm iddum pendenti l-kawża, għax allura jkun hemm sospensjoni, u mhux interruzzjoni, tal-preskrizzjoni, u l-kawżi tas-sospensjoni huma tassativament stabbiliti mill-liġi, u fosthom ma hemmx dik ta' riżerva simili.*

*Ir-riżerva li ssir f'sentenza ssir "si et quatenus", jiġifieri illi min saret dik ir-riżerva favur tiegħu jkun għad għandu l-azzjoni u din ma tkunx perenta skond il-liġi; għax ir-riżerva ma ġġibx ir-rivivixxenza ta' l-azzjoni li tkun ġiet estinta.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta li b'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-16 ta' Novembru 1944, fil-kawża "Paolo Borg vs. Francis Grech et.", konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 1945, ġie ritenut illi huwa ma ġiex ammess bħala membru tal-Leather Pool ħtija tal-konvenuti; u illi b'daqshekk huwa ġie sofra danni konsistenti "inter alia" fit-telf ta' l-imgħax fuq is-somma tal-profitti li l-lum ġew assenjati, mid-data li kienu dovuti sal-ġurnata tal-likwidazzjoni tagħhom li saret fis-27 ta' Lulju 1946, salvi danni oħra li jiġu pruvati ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġu likwidati d-danni fuq imsemmija, jekk ikun hemm bżonn permezz ta' periti li jiġu nominati minn dik il-Qorti, u kundannati l-istess konvenuti jħallsuh l-ammont li hekk favur tiegħu jiġi likwidat. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali fuq is-somma li tkun likwidata;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu tal-15 ta' Ġunju 1948, fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u ordnat li l-kawża titkompla; wara li kkunsidrat;

Illi fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenuti ma speċifikawx b'liema preskrizzjoni jippretendu li l-azzjoni ġiet preskritta; iżda bħala regola l-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin skond l-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili; għax il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-art. 2259 ta' l-istess Kodiċi tirrigwarda d-danni mnisslin minn reat "ex delicto". Skond l-

art. 2233 tal-Kodiċi Ċivili, "il-preskrizzjoni tinkiser b'kull att ġudizzjarju preżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, notifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-*kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom*";

Illi mis-sentenzi fuq imsemmija jirriżulta illi l-esklużjoni ta' l-attur mill-Pool saret f'Marzu 1943, u għalhekk id-danni tnisslu minn dak in-nhar 'il hawn. B'ċitazzjoni nru. 115 tas-6 ta' Mejju 1943 quddiem dik il-Qorti l-attur ħarrek lill-konvenuti għan-nom tagħhom proprju u bħala rappreżentanti *ta' l-assoċjazzjoni, jew Pool, tal-ġlud, u talab il-kundanna* tagħhom biex jikkunsinnawlu l-kwantità ta' ġild li jmissu jew il-profitti li jmissu, salva l-azzjoni għad-danni, u bl-imgħax kummerċjali; illi b'sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Novembru 1944 il-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu kienu mħarrkin bħala rappreżentanti tal-Pool jew assoċjazzjoni, u ġie dikjarat li l-attur kellu dritt jieħu minn għand il-Leather Pool kwantità ta' ġlud u materjal ieħor ta' skrapan, u kkundannat il-konvenuti għan-nom tagħhom proprju għall-ispejjeż, u ddikjarathom responsabili għad-danni;

Illi b'sentenza tas-16 ta' Frar 1945 il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' dik il-Qorti in kwantu ddikjarat lill-konvenuti responsabili tad-danni u kkonfermat fil-meritu s-sentenza fuq il-kumplament; iżda għamlet riżerva favur l-attur għall-azzjoni tad-danni kontra l-konvenuti "si et quatenus";

Illi fiċ-ċitazzjoni jissemma wkoll protest tat-2 ta' April 1943, li tiegħu talab l-ispejjeż, u f'dak il-protest irrenda lill-konvenuti responsabili għad-danni;

Illi *fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-31 ta' Jannar 1947*, il-Qorti rriżervat mill-ġdid l-azzjoni tad-danni favur l-attur kontra l-konvenuti Grech u Borg, jekk u skond il-liġi, u b'hekk ir-riżerva li oriġinarjament l-attur kien għamel fiċ-ċitazzjoni, u li baqgħet pendenti sa ma nqatgħet il-kawża, kellha l-konferma li għamlet il-Qorti fis-sentenza. Dik ir-riżerva fiċ-ċitazzjoni *kienet biżżejjed biex tinterrompi l-preskrizzjoni*, għax ġiet magħmula f'att ġudizzjarju notifikat lill-konvenuti u biha l-attur wera ċar u tond li ried jikkonserva d-drittijiet tiegħu għad-

danni (ara sent. tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Diċembru 1874 in re "Edmond Bingham vs. George Walker", Kollez., Vol. VII, paġ. 229). Iċ-ċitazzjoni fejn saret ir-riżerva ġiet notifikata lill-konvenuti fit-18 ta' Mejju 1943, u ċ-ċitazzjoni tal-kawża preżenti ġiet notifikata fit-13 u fit-18 ta' Marzu 1948. Għaldaqstant il-preskrizzjoni ta' ħames snin ma setgħetx is-seħħ u tagħlaq;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u t-talbiet ta' l-attur jiġu riġettati, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-konvenuti fin-nota *ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom*, wara li taw l-eċċezzjonijiet tagħhom anki fil-meritu, fl-aħħar qalu "illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni għad-danni hija preskritta". Għalkemm din hija eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, iżda, kif ġie kostantement deċiż, meta tingħata eċċezzjoni simili, min qiegħed jagħtiha għandu jgħid liema preskrizzjoni qiegħed jeċċepixxi, għaliex il-Qorti ma għandhiex tara liema preskrizzjoni ried presumibilment jagħti l-eċċipjent. F'dan il-każ, għalkemm ma ġietx speċifikata dik il-preskrizzjoni, l-Ewwel Qorti deherilha illi l-konvenuti qegħdin jirriferixxu għall-preskrizzjoni ta' ħames snin, u rriġettatha għaliex irriteniet li r-riżerva li kien hemm fiċ-ċitazzjoni għad-danni *kienet notifikata* lill-konvenuti fit-18 ta' Mejju 1943, u ċ-ċitazzjoni tal-kawża preżenti notifikata fit-13 u fit-18 ta' *Marzu 1948*, u *għalhekk* il-ħames snin kienu għadhom ma għalqux;

Tikkunsidra;

Illi fil-petizzjoni ta' l-appell l-appellanti sottomettew illi l-preskrizzjoni li jmissha ġiet applikata ma hix dik kwinkwennali, iżda l-bijennali, peress illi l-azzjoni preżenti tad-danni ma hijiex ħierġa minn ebda kuntratt jew negozju leċitu bejn il-partijiet, iżda, kif jippretendi l-attur, minn fatt illeċitu ta' l-appellanti; għalhekk l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi eżaminata hija dik li *tirriferixxi għal* liema *preskrizzjoni hija applikabili* għal dan il-każ. Anzi peress li l-appellanti fil-petizzjo-

ni qegħdin isostnu illi l-preskrizzjoni li għandha tiġi applikata hija dik ta' sentejn, vwoldiri illi l-eċċezzjoni tagħhom ma tirrigwardax l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin, iżda dik ta' sentejn; u allura għandu jiġi eżaminat jekk dik il-preskrizzjoni bijennali hijiex jew le applikabili;

Tikkunsidra;

Illi f'dan il-każ l-azzjoni tad-danni toħroġ kontra l-konvenuti, skond il-pretensjoni ta' l-attur, peress illi "bi ħtija tal-konvenuti", *ġie ritenut fil-kawża "Paolo Borg vs. Francis* Grech et." deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Frar 1945, "il-likwidazzjoni ta' dak li l-attur kien imissu saret fis-27 ta' Settembru 1946. Issa ġie ritenut f'dik il-kawża illi l-appellanti qatt ma kellhom jaġixxu bil-mod irregolari kif aġew di fronti għall-appellat; u dan jissinifika illi l-aġir tagħhom kien kolpuż, u din il-kolpa hija dik akwiljana li toħroġ mid-delitt jew kważi-delitt, u mhux minn kuntratt jew kważi-kuntratt. La darba huwa hekk hija applikabili l-preskrizzjoni ta' sentejn, skond l-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili;

Tikkunsidra;

Illi, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, in bażi għas-sentenza ta' din il-Qorti, konfermatorja ta' dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Diċembru 1874, u riportata fil-Kolléz. Vol. VII, paġ. 229, in re "Bingham vs. Walker ne.", riżerva bħal dik li tidher fiċ-ċitazzjoni tal-kawża l-oħra, magħmula għalhekk f'att ġudizzjarju, hija interruttiva tal-preskrizzjoni; għaliex biha min għamel dik ir-riżerva ried juri illi huwa qiegħed jikkonserva d-drittijiet tiegħu di fronti għal kontradittur tiegħu. Dik iċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lill-appellanti fit-18 ta' Mejju 1943, u minn dak in-nhar reġgħet bdiet tgħaddi l-preskrizzjoni ta' sentejn, li għalqet fit-18 ta' Mejju 1945. Lanqas jista' jingħad illi, la darba dik ir-riżerva saret fiċ-ċitazzjoni, baqgħet veljanti sakemm baqgħet pendenti ċ-ċitazzjoni, għaliex kieku kien hekk, vwoldiri illi dik kienet tkun kawża ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni, la darba din ma bdietx tgħaddi; u l-kawżi ta' sospensjoni huma tassativament indikati mil-liġi, *u fosthom ma hemmx każ bħal dan*;

Tikkunsidra;

Illi huwa veru li l-Ewwel Qorti bis-sentenza tagħha tas-16

ta' Novembru 1944 ikkundannat lill-appellanti għad-danni; iżda din il-Qorti b'sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 1945 irrevokat dak il-kap peress illi rriteniet illi kien "extra petita". Għalhekk anki jekk "ex hypothesi" jiġi suppost illi la darba l-attur kellu dik is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, tajba jew ħażina, fejn ikkundannat lill-appellanti għad-danni, ma kellux bżonn jimxi iżjed, huwa *fatt* illi l-pożizzjoni tiegħu ġiet preċiżata bis-sentenza ta' din il-Qorti fuq imsemmija, tas-16 ta' Frar 1945; allura minn dak in-nhar reġgħet bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni ta' sentejn favur l-appellanti li għalqet fis-16 ta' Frar 1947;

Tikkunsidra;

Illi lanqas jista' jingħad illi bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Frar 1945 u ta' l-Ewwel Qorti tal-31 ta' Jannar 1947 ġiet favur l-attur riżervata l-azzjoni għad-danni, għaliex dik ir-riżerva ssir "si et quatenus", kemm il-darba a favur ta' min saret dik *ir-riżerva* għad għandu dik l-azzjoni, u din mhix jiex perenta skond il-liġi, għaliex diversament ikun irid jiġi konkjuż illi dik ir-riżerva ġiebet ir-rivivixxenza ta' azzjoni li kienet allura ġà estinta—ħaġa li hija inaċċettabili ġuridikament;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn mogħtija mill-konvenuti, u tiddikjara estinta l-azzjoni preżenti esperita mill-attur; u in vista tal-fatt illi l-konvenuti fin-nota ta' l-eċċezzjoni ma semmewx liema preskrizzjoni qegħdin jagħtu, tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; u għalhekk tirriforma s-sentenza li minnha hemm dan l-appell.